QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 6 TA' LULJU 2001

Avviz Nru 1686/98DM

Untours Insurance Agency Ltd
ghall-Qatar Insurance Co. kif
surrogata fid-drittijiet ta' Carmel
Darmanin u l-istess
Carmel Darmanin

vs

Nazareno Cilia

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas lill- Untours Insurance Agency Ltd noe u lil Carmel Darmanin rispettivament is-somma ta' Lm142.90 u Lm48 danni in segwitu ghal incident stradali li gara l-Hamrun fit-28 . 05.97 bejn car Toyota nru V 5180(M) misjuqa minn Carmel Darmanin u bus nru FBY 438 u b'digriet tad-9 ta' Novembru 1999 intalbet korrezzjoni fin-numru tal-vettura fis-sens illi l-ittra F tigi mibdula bl-itrra D prevja dikjarazzjoni li l-konvenut, bus driver, kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u in osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi Lm10.50 ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tat-12.03.98 u dawk tal-ittra ufficjali tal-prezentata tal-avviz lill Omnibus Pool ai termini tal-Kapitolu u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal- konvenut Nazareno Cilia fejn eccepixxa:

1 It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontra taghhom stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament htija tal-attur Carmel Darmanin

2 Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm l-attur Carmel Darmanin jallega li gie milqut mill-Bus misjuq mill-konvenut, il-konvenut, min-naha tieghu, f'dawn il-proceduri qed jallega li ma laqat lill-hadd u li l-Bus misjuqa minnhu ma kellha ebda sinjali ta' xi habta.

Izda mid-deposizzjoni tal-ufficjal indipendenti li ezamina l-kaz, PS 768 Silvio Brincat, jirrizulta mhux biss li l-Bus effettivament kellha sinjal indikativ ta' sbrixxjatura mal-vettura tal-attur stante l-kulur taz-zebgha u l-gholi tal-marka, izda l-konvenut kien fil-bidu nett accetta li saret il-habta izda allega li kienet ikkawzata minn manuvra sbaljata tal-istess attur.

Ghalhekk l-ahhar verzjoni tal-konvenut kif moghtija f'dawn il-proceduri ma tirrizultax li hija wahda kredibbli u qed tigi skartata u l-Qorti taccetta l-verzjoni tal-attur u tiddikjara li l-konvenut bus driver kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u in osservanza tar-regolamenti.

Mid-dokumenti u provi ohra jirrizulta ppruvat li d-danni totali jammontaw ghall-iktar mis-somma mitluba fl-avviz u ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi Untours Insurance Agency Ltd is-somma ta' LM142.90 u lill-attur Carmel Darmanin is-somma ta' Lm48 bl-imghax legali mit-28 ta Awissu 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ24